I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar ir-Rakkomandazzjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew

(2009/C 192/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### I. **INTRODUZZJONI**

*Rakkomandazzjoni għal emenda tar-Regolament dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew*

1. Fit-23 ta' Novembru 1998 l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament (KE) Nru 2533/98 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "Regolament Nru 2533/98") ([1]). Sabiex dan ir-Regolament jinżamm bħala strument effettiv biex jitwettaq ix-xogħol ta' ġbir ta' tagħrif statistiku tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (minn hawn 'il quddiem "SEBĊ") qed jiġu kkunsidrati numru ta' emendi. Fil-15 ta' Settembru 2008, il-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "BĊE") adotta unanimament Rakkomandazzjoni ([2]) (minn hawn 'il quddiem "Rakkomandazzjoni") għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 2533/98 ([3]).

2. Fl-4 ta' Frar 2009, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem "KEPD") u stiednu jissottometti l-opinjoni tiegħu ([4]). Jeħtieġ ikun sottolinjat li għalkemm mhux tassoltu, tali konsultazzjoni fil-fażi tal-Coreper hija koperta mill-Artikoli 41 u 46(d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

3. L-artikoli prinċipali tar-Regolament Nru 2533/98 li huma ppreżentati għall-emendi huma l-Artikoli 1, 2, 3 (parzjalment) u 8. Għalkemm l-Artikolu 8 jittratta speċifikament is-sistema ta' kunfidenzjalità, il-KEPD hu tal-fehma li l-Artikoli l-oħrajn ukoll jista' jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data personali u għalhekk jiffurmaw parti mill-analiżi attwali.

4. Fl-aħħar nett, il-kuntest ġenerali li fih qed tiġi analizzata din ir-Rakkomandazzjoni jrid jieħu kont ukoll tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea ([5]), proposta li għaliha l-KEPD

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

([2]) ĠU C 251, 3.10.2008, p. 1.

([3]) Il-proċedura biex jiġu adottati tali emendi hija bbażata fuq l-Artikolu 107(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u sussegwentement dwar l-Artikoli 5(4) u 41 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropa.

([4]) Il-Kunsill ikkonsulta wkoll il-Kummissjoni Ewropea fit-13 ta' Ottubru 2008, li ppreżentat Opinjoni tal-Kummissjoni fit-13 ta' Jannar 2009, COM(2008) 898 finali.

([5]) COM (2007) 625 finali tas-16.10.2007.

ta wkoll l-opinjoni tiegħu dwarha [1]. Iż-żewġ testi huma interkonnessi. Din il-konnessjoni bejn iż-żewġ regolamenti timplika, kif ġie ssottolinjat fl-opinjoni msemmija l-aħħar, li għandhom jiġu żgurati kooperazzjoni mill-qrib u koordinazzjoni adatta bejn is-Sistema Statistika Ewropea u s-SEBĊ, waqt li jippreservaw l-istrutturi ta' governanza rispettivi. Il-KEPD spjega wkoll l-interpretazzjoni tiegħu tan-nozzjonijiet ta' kunfidenzjalità u anonimità fil-kuntest tal-istatistika. Din l-analiżi tibqa' valida.

## II. L-ANALIŻI TAL-PROPOSTA

*Tagħrif Statistiku*

5. Il-KEPD jilqa' l-fatt li l-emendi proposti fihom referenza speċifika għall-qafas legali tal-protezzjoni tad-data. Fil-fatt, fejn ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 fil-preżent jirreferi biss għad-Direttiva 95/46/KE, issa qed jiġi propost li l-Artikolu 8(8) jirreferi wkoll għar-Regolament (KE) Nru 45/2001, fejn dan tal-aħħar ikopri b'mod aktar speċifiku l-attivitajiet tal-BĊE bħala istituzzjoni Ewropea.

6. Barra minn dan, din id-dispożizzjoni tikkonferma l-premessa 34 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 li tgħid li: "Taħt l-Artikolu 8(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew, dak ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE". F'dan il-kuntest, hija wkoll mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

7. Kif spjegat fil-preambolu tar-Rakkomandazzjoni, l-objettiv prinċipali tagħha huwa li tirrevedi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 sabiex dan jinżamm bħala strument effettiv għall-BĊE biex jitwettqu l-kompiti ta' ġbir ta' tagħrif statistiku tas-SEBĊ. Għandha wkoll tiggarantixxi d-disponibbiltà kontinwa għall-BĊE ta' tagħrif statistiku tal-kwalità meħtieġa (u) li tkopri l-firxa sħiħa tal-kompiti tas-SEBĊ.

8. Għalkemm l-espressjoni "tagħrif statistiku" hija użata b'mod estensiv kemm fir-Regolament (KE) Nru 2533/98 kif ukoll fir-Rakkomandazzjoni adottata mill-BĊE, il-KEPD jinnota li l-espressjoni "tagħrif statistiku" mhijiex definita fl-ebda waħda minn dawn it-testi, ħlief permezz ta' referenza għad-definizzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar (l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98). Il-KEPD jidhirlu li l-fini ta' din l-espressjoni għandha tiġi ċċarata fil-kuntest tar-Regolament 2533/98, speċjalment peress li tagħrif statistiku tista' tkopri data li tiġi mhux biss minn persuni ġuridiċi, iżda wkoll minn persuni fiżiċi (deskritti wkoll bħala popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza). Għalhekk, data personali fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tista' tinġabar u għalkemm din id-data tkun ipproċessata f'forma statistika, jista' xorta jkun hemm data dwar individwi identifikabbli (jiġifieri indirettament, permezz ta' kodiċi jew minħabba li jkunu msemmijin proporzjon żgħir ħafna ta' nies b'karatteristiċi speċifiċi). Barra minn dan, huwa daqstant ieħor importanti li din l-espressjoni tkun definita peress li r-Rakkomandazzjoni tittratta l-possibbiltà li korpi ta' riċerka xjentifika jingħataw aċċess għal tagħrif statistiku kunfidenzjali li "ma tippermettix identifikazzjoni diretta" (l-Artikolu 8(4)) jew espressa b'mod pożittiv: li xorta tippermetti identifikazzjoni *indiretta*.

9. Skont il-KEPD, l-espressjoni tista' tiftiehem b'mod simili bħal fil-proposta għar-Regolament dwar l-Istatistika Ewropea (fejn hi definita bħala: "il-forom differenti kollha ta' statistika inkluż data bażika, indikaturi, kontijiet u meta-data"). Madankollu, fil-każ tal-BĊE, in-nozzjoni ta' tagħrif statistiku għandha tkun limitata għal statistika dwar persuni fiżiċi u ġuridiċi li jiġu pproċessati fl-isfera ta' kompetenza tal-BĊE. Il-KEPD jissuġġerixxi li għandha tingħata aktar kjarifika dwar din l-espressjoni fil-premessi.

*Għan*

10. Skont il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, l-istruttura eżistenti tal-ġbir ta' tagħrif statistiku hija bbażata fuq konnessjoni individwali bejn il-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza (il-persuni fiżiċi u ġuridiċi soġġetti għar-rekwiżiti ta' rappurtar) u tipi speċifiċi ta' statistika (kif deskritti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98). Fil-fehma tal-BĊE, din l-istruttura m'għadhiex ineffettiva peress li d-data kull ma jmur qed tinġabar darba biss u tintuża għal iktar minn għan statistiku wieħed, sabiex jitnaqqas il-piż ta' rappurtar. Għalhekk, il-BĊE jipproponi li l-fini tal-għanijiet jitwessa' billi tiġi provduta lista indikattiva tal-għanijiet statistiċi kollha li għalihom jista' jinġabar tagħrif statistiku mingħand il-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza.

11. Il-KEPD jieħu nota tar-raġunijiet il-għaliex qed jintalab it-twessigħ tal-fini, iżda jissottolinja li wieħed mill-prinċipji li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 huwa relatat mal-limitazzjoni tal-fini. Dan il-prinċipju jiddikjara li data personali għandha tiġi pproċessata għal finijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi u m'għandhiex tkompli tiġi pproċessata b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dawk il-finijiet. Dan il-prinċipju li jinsab fl-Artikolu 4(1)(b) huwa ċċarat aktar kif inhu ddikjarat "li aktar ipproċessar ta' data personali għal finijiet storiċi, statistiċi u xjentifiċi m'għandux jitqies inkompatibbli dment li l-kontrollur jipprovdi salvagwardji adatti, b'mod partikolari biex ikun żgurat li d-data ma tiġix ipproċessata għal xi fini ieħor jew użata b'appoġġ għal miżuri jew deċiżjonijiet li jirrigwardaw kwalunkwe individwu partikolari".

12. Il-KEPD jirrikonoxxi, bil-ħsieb tal-fatti deskritti fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, li l-prattika eżistenti ma kinitx konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 peress li d-data kompliet tiġi pproċessata aktar għal finijiet mhux stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2533/98. Bil-ħolqien ta' lista "indikattiva" ta' għanijiet li jmorru lil hemm mill-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2533/98, il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 xorta ma jintlaħaqx kompletament.

[1] ĠU C 308, 3.12.2008, p. 1.

13. Madankollu, kien enfasizzat f'kummenti li waslu mill-BĊE dwar dan il-punt li r-Regolament (KE) 2533/98 jibqa' "Regolament ġenerali" li jistabbilixxi l-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza (il-kamp ta' applikazzjoni ta' entitajiet li minnhom il-BĊE jista' potenzjalment jiġbor data għat-twettiq tal-kompiti tiegħu). Biex ikun jista' jimponi obbligi ta' rappurtar reali fuq l-aġenti ta' rappurtar, il-BĊE irid joħroġ att legali speċifiku tal-BĊE li jiddefinixxi kemm il-popolazzjoni ta' rappurtar reali, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' rappurtar speċifiċi.

14. Il-KEPD jidhirlu li kwalunkwe modifika introdotta fir-Regolament dwar dan l-aspett għandha tikkjarifika l-punt sa fejn id-data ser tkun ipproċessata fil-futur jew tal-anqas tispeċifika b'mod aktar preċiż il-finijiet mistennija fil-mandat tal-kompetenzi tal-BĊE. Għalhekk, il-KEPD ma jopponix it-twessigħ tal-finijiet li għalihom jinġabar it-tagħrif statistiku, imma jissuġġerixxi li titħassar kwalunkwe referenza għall-istabbiliment ta' lista indikattiva tal-finijiet. Barra minn dan, it-test jista' jikkonferma li kwalunkwe att legali tal-BĊE li jiddefinixxi l-popolazzjoni ta' rappurtar reali u r-rekwiżiti ta' rappurtar speċifiċi ma jmorrux lil hinn mil-limitazzjoni ta' finijiet fil-kompetenzi speċifiċi tal-BĊE.

15. Barra minn dan, bħala kjarifika, il-KEPD ma jistax jaqbel mal-ispjega mogħtija mill-BĊE fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, fejn jingħad li t-"tagħrif isir tagħrif statistiku jekk jintuża għall-kompilazzjoni tal-istatistika, irrispettivament mill-fini li għalih ikun inġabar oriġinarjament". Il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-fini ma jippermettix interpretazzjoni bħal din. Fil-fatt, id-data personali għandha tinġabar l-ewwel nett għal fini speċifiku wieħed jew aktar u tista' tintuża wkoll għal finijiet statistiċi (oħrajn) soġġetta għal salvagwardji adatti (ara l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 imsemmi fil-punt 11).

16. Fl-aħħar nett, il-KEPD jinnota li l-limitazzjoni tal-fini diġà tinsab sottolinjata fl-Artikolu propost 8(4)(a) li jgħid li "(…) s-SEBĊ għandu juża tagħrif statistiku kunfidenzjali mgħoddi lilu esklussivament għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ ħlief f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: (a) jekk l-aġent ta' rappurtar jew il-persuna ġuridika l-oħra, persuna fiżika, entità jew fergħa li tista' tiġi identifikata, taw il-kunsens espliċitu tagħhom biex jintuża dan it-tagħrif statistiku għal għanijiet oħrajn". Permezz ta' talba għall-kunsens espliċitu biex il-fini inizjali jkun estiż, il-BĊE ikun qed jirrikonoxxi li bħala prinċipju l-finijiet għandhom ikunu limitati.

*Statistika dwar ħlasijiet*

17. Barra minn dan, fil-lista indikattiva proposta, bil-finijiet li għalihom tista' tinġabar l-istatistika mill-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza, il-KEPD innota li r-rakkomandazzjoni (l-Artikolu 2(1) iżid in-nozzjoni ta' "statistika dwar ħlasijiet" mal-fini diġà eżistenti ta' "statistika dwar sistema ta' ħlas". Dan ifisser li l-istatistika li għandha tinġabar ser tkopri data dwar ħlasijiet individwali bħala parti mill-istatistika dwar sistemi ta' ħlasijiet (jiġifieri l-infrastruttura tal-ħlasijiet). Din iż-żieda ta' statistika dwar ħlasijiet tagħmilha ferm rilevanti li jkun żgurat li r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data jkunu rispettati.

18. Għalkemm il-KEPD jifhem li l-Artikolu 105(2) tat-Trattat KE jagħti mandat lis-SEBĊ biex tippromwovi l-operat bla tfixkil tas-sistemi ta' ħlasijiet u li, f'dan il-kuntest, tagħrif komprensiv kemm dwar l-infrastrutturi ta' ħlasijiet kif ukoll il-ħlasijiet imwettqa permezz ta' dawn l-infrastrutturi jista' jkun meħtieġ għat-tfassil tal-politika tal-BĊE, dan il-mandat għandu jkun limitat għal dak li hu meħtieġ sabiex jitwettaq it-tfassil tal-politika tal-BĊE u m'għandux jippermetti l-ġbir ta' tagħrif finanzjarju relatat ma' persuni fiżiċi li huma identifikabbli (sew direttament kif ukoll indirettament). Anke jekk il-KEPD jista' jifhem li hu importanti li jinġabar tagħrif dwar il-ħlasijiet infushom - ngħidu aħna, data dwar ħlasijiet permezz ta' karti ta' kreditu għal analiżi ipotetika jew għall-finijiet ta' bilanċ tal-ħlasijiet, jixtieq jissottolinja li sew jekk jinġabar tagħrif dwar karti ta' kreditu direttament minn persuni fiżiċi kif ukoll minn kumpanniji tal-karti u/jew sistema ta' ħlasijiet fuq bażi aggregata, jistgħu xorta waħda jkunu jinkludu tagħrif personali dwar persuni fiżiċi.

19. Madankollu, jekk f'każijiet speċifiċi, ikun hemm raġunijiet għall-ipproċessar ta' statistika ta' ħlasijiet bħal din, il-BĊE iddikjara li huma ser ikunu konformi mal-qafas legali applikabbli għall-protezzjoni tad-data. Dan ikopri r-rekwiżit li tkun żgurata l-ħtieġa tal-ipproċessar u li jkun żgurat li jittieħdu miżuri ta' sigurtà.

*Popolazzjoni ta' rappurtar*

20. Fl-istess vena tal-Kummissjoni fl-opinjoni tagħha dwar ir-Rakkomandazzjoni [1], il-KEPD jirrikonoxxi l-ħtieġa espressa mill-BĊE fir-Rakkomandazzjoni li jaġġusta l-kamp ta' applikazzjoni tal-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza. Ir-raġuni mogħtija mill-BĊE hija li s-swieq finanzjarji qegħdin isiru iktar kumplessi, b'rabtiet li qed jikbru b'mod sod bejn it-transazzjonijiet finanzjarji u l-pożizzjonijiet fil-karta tal-bilanċ ta' tipi differenti ta' intermedjarji finanzjarji (bħal istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji, korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u korporazzjonijiet għal għanijiet finanzjarji).

21. Konsegwentement, dan jista' jimplika li l-BĊE jeħtieġ statistika komparabbli, frekwenti u puntwali għal dawn is-sotto-setturi, sabiex ikun jista' jkompli jwettaq il-kompiti tiegħu. Madankollu, il-konsegwenza ser tkun li tali modifika tal-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza ser iżżid il-ġbir ta' tagħrif minn atturi differenti involuti fis-SEBĊ. Sabiex ikun evitat ġbir inutli ta' tagħrif, il-KEPD jinnota li l-BĊE għandu l-intenzjoni li jiżgura li huwa ser jiġbor biss it-tagħrif statistiku meħtieġ jekk il-merti ta' dan jegħilbu l-ispejjeż u jekk dan it-tagħrif mhux diġà miġbur minn korpi oħra.

---

[1] L-Opinjoni mill-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2009, COM(2008) 898 finali.

22. Madankollu, sabiex ikun żgurat ir-rispett lejn il-prinċipju tal-kwalità tad-data, kif ukoll il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, il-KEPD jidhirlu li għandha tiġi stabbilita proċedura speċifika li tiżgura li t-tagħrif mhux diġà miġbur minn korpi oħra. Il-BĊE ikkonferma li d-diskussjonijiet għadhom għaddejjin bejn is-SSE (Eurostat) u l-BĊE sabiex ikunu żviluppati proċeduri biex tkompli titrawwem il-kooperazzjoni u jiġi mminimizzat il-piż tar-rappurtar. Il-KEPD jidhirlu li kooperazzjoni bħal din għandha tkompli tiġi żviluppata.

*Skambu ta' tagħrif konfidenzali*

23. Ir-Rakkomandazzjoni temenda l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 billi ssemmi diversi prinċipji tal-istatistika, fosthom il-prinċipju tal-konfidenzjalità statistika. Barra minn dan, hija temenda l-Artikolu 8 fir-rigward tas-sistema ta' konfidenzjalità stabbilita. L-idea hi li jkun repetut il-kontenut tal-proposta għal Regolament dwar l-Istatistika Ewropea. Kif kien diġà sottolinjat f'dan it-test, hemm il-ħtieġa li tkun introdotta aktar flessibbiltà fir-regoli eżistenti dwar il-konfidenzjalità fl-istatistika bejn is-Sistema Statistika Ewropea (SSE) u s-SEBĊ. Is-sistema l-ġdida proposta introdotta mir-Rakkomandazzjoni ttenni din il-ħtieġa billi tiddikjara li sabiex ikun żgurat skambju effiċjenti u effettiv tat-tagħrif statistiku meħtieġ, il-qafas legali għandu jipprevedi li tali trasmissjoni tista' ssir dment li tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew id-disseminazzjoni effiċjenti ta' statistika Ewropea.

24. Il-KEPD diġà kellu l-okkażjoni li jikkjarifika l-pożizzjoni tiegħu dwar it-trasmissjoni ta' data kunfidenzjali bejn is-SSE u s-SEBĊ ([1]). Il-KEPD iqis li tali trasferimenti li jseħħu bejn l-Eurostat u l-BĊE jikkonformaw mal-kondizzjonijiet ta' ħtieġa previsti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Fid-dawl tal-emendi proposti, il-KEPD jikkonferma li tali trasferiment jista' jsir iżda għal fininijiet ta' statistika biss u b'garanzija ta' protezzjoni minn żvelar illegali. Dan l-aspett jista' jkun sottolinjat aktar fil-modifika għar-Regolament (KE) Nru 2533/98. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 8 diġà fih xi miżuri iżda l-KEPD jissuġġerixxi żieda, pereżempju, li l-aġenti ta' rappurtar għandhom ikunu infurmati li aktar trasmissjoni ser issir għal-finijiet ta' statistika biss u li persuni li jirċievu dan it-tagħrif statistiku huma mfakkra bl-aspett konfidenzjali ta' dan it-tagħrif statistiku.

*Aċċess għal tagħrif statistiku konfidenzjali mhux identifikabbli direttament għal finijiet ta' riċerka*

25. Il-KEPD jinnota li l-approċċ adottat mill-BĊE dwar l-aċċess għal tagħrif statistiku konfidenzjali mhux identifikabbli direttament għal finijiet ta' riċerka huwa li jkun permess tali aċċess waqt li jinżammu salvagwardji stretti ta' konfidenzjalità. Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 8 jipprevedi l-kunsens espliċitu minn qabel tal-awtorità li pprovdiet l-informazzjoni.

26. Fil-kuntest tal-ipproċessar ta' tagħrif statistiku konfidenzjali mhux identifikabbli direttament, il-KEPD jixtieq jissottolinja li d-definizzjoni ta' data personali li tinsab fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46/KE taqra kif ġej: "Data personali tfisser kull data li jkollha x'taqsam ma' persuna naturali identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-data'); persuna identifikabbli huwa min jista' jkun identifikat, direttament jew indirettament, partikolarment b'referenza għal numru ta' identità jew għal fattur wieħed speċifiku jew aktar dwar l-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tiegħu".

27. Barra minn dan, kif kien analizzat mill-KEPD fl-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol ([2]), "mhux identifikabbli direttament" tirrigwarda n-nozzjoni tal-anonomità mill-perspettiva tal-istatistika. Għalkemm, minn perspettiva ta' protezzjoni tad-data, in-nozzjoni ta' anonimità tkun tkopri data li ma tkunx għadha identifikabbli (ara l-premessa 26 tad-Direttiva 95/46/KE), minn perspettiva ta' statistika, data anonima hija data li għaliha l-ebda identifikazzjoni *diretta* ma tkun possibbli.

28. Għalhekk, din id-definizzjoni timplika li identifikazzjoni *indiretta* ta' tagħrif statistiku jibqa' possibbli u l-ipproċessar xorta jibqa' soġġett għal konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(1)(e) jispeċifika li data personali "miżmuma f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data tinżamm għal żmien li ma jkunx aktar minn dak meħtieġ għall-għanijiet li għalihom id-data kienet inġabret jew li għalihom tkun ġiet aktar ipproċessata. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità għandu jistipula li d-data personali li għandha tinħażen għall- perijodi itwal għal użu storiku, statistiku jew xjentifiku għandha jew tinżamm f'forma anonima biss jew, jekk dak ma jkunx possibbli, biss bl-identità tas-suġġetti tad-data f' kodiċi. Fi kwalunkwe każ, id-data m'għandhiex tintuża għal xi għan li ma jkunx dak l-għan storiku, statistiku jew xjentifiku".

29. Bħala riżultat, fil-każ ta' tali aċċess għal finijiet ta' riċerka, il-KEPD iqis li t-tagħrif statistiku għandu jkun ipprovdut b'tali mod li l-aġent ta' rappurtar ma jkunx jista' jiġi identifikat, la direttament u lanqas indirettament, meta jittieħed kont tal-mezzi kollha rilevanti li jistgħu jintużaw b'mod raġonevoli minn parti terza.

## III. **KONKLUŻJONI**

30. Il-KEPD jinnota r-rieda għal titjib fl-iskambju ta' tagħrif statistiku bejn is-SSE u s-SEBĊ u l-aċċess għal finijiet ta' riċerka. Għalkemm hija ħaġa ta' min jilqagħha li tali skambju u aċċess jistgħu jseħħu waqt li tkun żgurata

([1]) Ara l-punti 27 tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistiċi Ewropej (COM(2007) 625 finali).

([2]) ĠU, C 295/1, 7.12.2007, Ara l-punti 14 sa 18.

konfidenzjalità stretta tad-data, huma meħtieġa xi kjarifiki fir-rigward tat-terminoloġija wżata u l-kunċetti koperti minn tali skambju u aċċess.

31. Il-KEPD għandu l-kummenti li ġejjin dwar ir-Rakkomandazzjoni ppreżentata u tibdil futur tar-Regolament (KE) Nru 2533/98:

— Aktar kjarifika dwar l-espressjoni "tagħrif statistiku" għandha ssir fil-premessi għar-Regolament, peress li n-nozzjoni ta' tagħrif statistiku fil-kuntest tar-Regolament 2533/98 għandu jkun limitat għal statistika dwar persuni fiżiċi u ġuridiċi li huma pproċessati fl-isfera tal-kompetenza tal-BĊE;

— Il-KEPD ma jopponix it-twessigħ tal-finijiet imma joġġezzjona għal lista ta' finijiet li tkun indikattiva u mhux speċifikata biżżejjed;

— Irid ikun żgurat li l-qafas ta' protezzjoni tad-data jkun applikat b'mod sħiħ fil-każ tal-ġbir ta' statistika dwar ħlasijiet. Il-ġbir ta' tagħrif finanzjarju relatat ma' persuni fiżiċi li jkunu identifikabbli (sew direttament kif ukoll indirettament) normalment m'għandux jitħalla jsir, dment li l-ħtieġa tal-ipproċessar ma tkunx murija b'mod ċar u ma jkunux implimentati miżuri ta' sigurtà;

— Aktar kollaborazzjoni bejn is-SSE u l-BĊE għandha tiġi żviluppata bil-ħsieb tal-iżgurar tar-rispett tal-prinċipju tal-kwalità tad-data kif ukoll il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data;

— Irid ikun żgurat li l-aċċess għal tagħrif statistiku għall-finijiet ta' riċerka jkun ipprovdut b'tali mod li l-aġent ta' rappurtar ma jkunx jista' jiġi identifikat, la direttament u lanqas indirettament, meta jittieħed kont tal-mezzi kollha rilevanti li jistgħu jintużaw b'mod raġonevoli minn parti terza.

Magħmula fi Brussel, 8 ta' April 2009

Peter HUSTINX

*Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*